**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 42/2021 RM**

**Geoffrey Fisher (K.I. 28605L) u Maria Fisher (K.I. 69940M)**

**-Vs-**

**D&S Lifts (Maintenance) Ltd.**

**Illum, 27 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-atturi Geoffrey Fisher u Maria Fisher, ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-17 ta' Frar 2021 li permezz tieghu u talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta D&S Lifts (Maintenance) Limited thallas is-somma ta' tnax-il elf u disgħa u disgħin euro (€12,099) rappreżentanti ħlasijiet li saru sabiex jeżegwixxu xogħolijiet fil-lift sitwat f'26 Triq l-Għerien Mellieħa, liema xogħolijiet pero' ma ġewx kompletati u dawk li għamilu kienu mhux skond is-sengħa u l-arti kif ukoll rappreżentanti danni li soffrew l-esponenti minħabba d-dewmien fix-xogħolijiet ;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' ittri uffiċjali bin-numru 4296/19 u 4827/2019 u bl-imgħax legali kontra s-soċjeta intimata li hija nġunta minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-socjeta` konvenuta D&S Lifts (Maintenance) Limited tas-17 ta' Marzu 2021 fejn gie eccepit illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talba tar-

rikorrenti kontra l-esponenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

1. *Qabel xejn l-intimata tindika illi hija intavolat Avviż tat-Talba quddiem it-Tribunal għal talbiet żgħar bir-referenza numru 330/2020 CZ kontra r-rikorrenti (il-konjuġi Fisher) għas-somma ta' tlett elef, tmien mija, disgħa u erbgħin ewro (€3,849) dovuti għal-xogħol magħmul mis-soċjeta esponenti lir-rikorrenti fil-lift tagħhom f'26 Triq l-Għerien, Mellieħa. Kien biss wara li ġiet intavolata l-istess kawża li r-rikorrenti intavolaw il-kawża preżenti. B'hekk, in línea mal-ġurisprudenza kostanti, din l-Onorabbli Qorti għandha tissospendi t-trattazjoni tal-kawża odjerna sakemm tiġi deċiża dik hawn riferita.*

2. *Fit-tieni lok, jingħad illi l-unika ħlas magħmul mir-rikorrenti lill-esponeneti kien dak fis-somma ta' elfejn, ħames mija, sitta u disgħin ewro (€2,596), liema somma tirrapreżenta 40% ta' dak dovut lill-esponenti skond il-Quotation DSM/1256/19, liema Quotation kienet ikkonfermata mir-rikorrenti fis-16 t'April 2019.*

3. *Fit-tielet lok, ix-xogħolijiet li għalihom kienet ingaġġata s-soċjeta esponenti kienu kompleti u saru skont is-sengħa u l-arti, u dan kif kien konfermat mil-Inġinier inkarigat u kif se jiġi provat fil-mori tal-kawża odjerna.*

4. *Fir-raba lok, l-intimat m'għandu jagħti xejn lir-rikorrenti, iżda huma r-rikorrenti li għandhom iħallsu lill-esponenti is-somma ta' tlett elef, tmien mija, disgħa u erbgħin ewro (€3,849), kif ukoll is-somma ta' seba' mija u erbatax-il ewro u sitta u sittinċenteżmu (€714.66) skond il-ftehim viġenti bejn il-partijiet datat l-1 ta' Diċembru 2017, u għalhekk ir-rikorrenti għandhom iħallsu lill-intimata s-somma kumplessiva ta' erbat elef, ħames mija, tlieta u sittin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€4,563.66).*

5. *Fil-ħames lok, it-talba tar-rikorrenti hija mil-bqija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

Rat illi in vista tal-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta ħalliet il-kawża sabiex tigi trattata t-talba li saret għas-soprasessjoni u sabiex jitressqu d-dokumenti kollha pertinenti in sostenn ta' din it-talba;

Semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-atturi waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju 2021;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum sabiex tigi deċiża t-talba magħmula fl-ewwel paragrafu tar-Risposta tas-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta qieghda effettivament titlob il-waqfien tal-proceduri mibdija mill-atturi odjerni u illi l-Qorti tieqaf milli tkompli tisma' din il-kawża sakemm ikun hemm deċiżjoni fil-kawża li hija intavolat kontra l-istess atturi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2015[1] , intqal hekk in propositu ta' talba għal soprasessjoni:-

"*... huwa accettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.*"

[1] **Doris Catania et vs Evelyn Farrugia et**.

Illi huwa minhabba f'hekk li fl-ordinament guridiku tagħna, is-soprasessjoni titqies bħala provvediment - ta' natura interlokutorju - li tagħti l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jekk tintwera raġuni tajba biex tilqa' t-talba għal soprasessjoni.

In propositu, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr Christopher Cilia nomine et**[2], qalet hekk:-

"*Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu ta` bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf P.A. 12.4.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Azzopardi et vs Critien pro et*** *(Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet* ***Grima et vs Frendo et*** *(Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393)".*[3]

Ikkunsidrat;

Is-soċjeta` konvenuta fissret fir-Risposta tagħha illi peress li din il-kawza giet istitwita mill-atturi wara li hija kienet diġa` ressqet 'il quddiem it-talba tagħha għall-ħlas tas-somma dovuta għax-xoghol li hija wettqet fil-lift fil-proprjeta` tal-atturi odjerni, il-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' l-kawża sakemm ikun hemm eżitu finali fil-kawza minnhom istitwita. Iżda din il-Qorti ma taqbilx illi dan il-fatt *ut sic* ifisser li hija għandha f'kull kaz twaqqaf is-smigħ tal-kawża quddiemha: kif ritenut paċifikatament in materja, din is-setgħa hija waħda diskrezzjonali imħollija lill-Qorti f'kaz li jidhrilha li l-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja hekk jeħtieġ u fejn tiġi ravviżata dipendenza jew potenzjal ta' dipendenza fuq l-eżitu tal-kawza l-oħra. Wara kollox, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux

[2] Deciza 11 ta' Dicembru 2003.

[3] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

ordinarju għaliex jissospendi s-smigħ ta' kawza meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstema' sa ma tinqata'.

Hekk qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Integrated Capabilities (Malta) Limited et vs Crowd Shout Holdings Limited et**[4]: -

"*Fl-isfond ta` dawn id-disposizzjonijiet appena citati, fil-provvediment li tat fit-3 ta` April 2014 fil-kawza "**Sylvana Tanti vs Noel Tanti et**" din il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita` ... Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza **"Degaetano vs Galea et noe"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk : "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza"... Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru"** – 12 ta` Awissu 1994). Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti."*[5] [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi s-soċjeta` konvenuta, minkejja illi fir-Risposta tagħha għat-talba attriċi sostniet illi l-Qorti "*ghandha tissospendi t-trattazzjoni tal-kawza odjerna sakemm tigi deciza*" l-kawża li għamlet referenza għaliha (Avviz Numru 330/2020), hija naqset milli tidher jew tassigura li għandha rappreżentanza legali quddiem il-Qorti sabiex tiġi trattata din

[4] Deciza 31 ta' Ottubru 2016.

[5] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

it-talba, kif ukoll naqset milli tressaq id-dokumenti pertinenti li l-Qorti ordnat li għandhom jiġu prodotti in sostenn tal-istess talba.

Illi konsegwentement, il-Qorti ma għandha assolutament xejn quddiemha li tista' tgħinha b'xi mod tasal għal deċiżjoni dwar il-waqfien o meno tal-proceduri odjerni, ħlief għal dak li gie premess fl-ewwel paragrafu tar-Risposta taghha:- "*Qabel xejn l-intimata tindika li hija intavolat Avviz tat-Talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar bir-referenza numru 330/2020 CZ kontra r-rikorrenti (il-konjugi Fisher) ghas-somma ta' tliet elef, tmien mija, disgha u erbghin Euro (€3,849) dovuti ghal xoghol maghmul mis-socjeta` esponenti lir-rikorrenti fil-lift taghhom f'26 Triq l-Gherien Mellieha.*"

Il-Qorti tistenna illi l-parti f'kawċa li tissolleva eċċezzjoni jew tressaq talba, issostni u tiġġustifika dik il-pożizzjoni legali minnha meħuda mhux biss billi tipproduċi d-dokumenti relevanti izda wkoll billi turi interess bażiku fl-akkoljiment ta' dik it-talba jew preġudizzjali. Ċertament, meta dawk id-dokumenti li huma essenzjali għad-determinazzjoni tal-preġudizzjali sollevata mis-socjeta` konvenuta fil-każ in diżamina – speċifikatament l-Avviz tat-Talba u r-Risposta relattiva, ikun baqgħu ma nġabux a konjizzjoni taghha, m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tfittex u tindaga hija stess fl-atti proċesswali ta' kawza oħra, *multo magis* meta l-kawża tkun pendenti quddiem tribunal li huwa kostitwit b'ligi speċjali li m'hijiex il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili u li huwa regolat bi proċedura *ad hoc* u munit b'ġurisdizzjoni speċifika.

Huwa minnu illi mill-atti jirrizulta li t-talba fil-kawza istitwita mis-soċjeta` konvenuta li tinsab pendenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija għall-ħlas tax-xogħol ezegwit minnha fil-lift tal-atturi, u din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu r-rifużjoni tal-ammont minnhom imħallas ghal dan ix-xogħol. Iżda huwa minnu wkoll illi f'din il-kawza l-atturi qegħdin jitolbu wkoll il-hlas tad-danni sofferti minnhom minhabba dewmien fix-xogħolijiet, liema kawżali ma jirriżultax li tirrientra fil-mertu tal-kawza quddiem it-Tribunal. Inoltre, kif diġa' rrimarkat qabel, ma jinkombix lill-Qorti iżda

lill-parti interessata, li tassigura li d-dokumenti formanti parti mill-atti processwali ta' kawzi u quddiem tribunali speċjali.

B'zieda ma' dan, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi huwa evidenti li l-parametri tat-talbiet tal-atturi fir-Rikors promotur fil-kawża li għandha quddiemha, jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zgħar stante illi a tenur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zgħar (Kap. 380), it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' mhux iżjed minnn hamest elef Euro (€5,000). Ghaldaqstant, fl-ipotesi li l-atturi odjerni laqghu ghat-talba tas-socjeta` konvenuta fil-proceduri quddiem it-Tribunal b'linja difensjonali mibnija fuq l-istess binarji tat-talba taghhom fir-Rikors promotur ta' din il-kawza - ċioe` li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti u l-likwidazzjoni u ħlas tad-danni naxxenti minn dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xoghol - dik il-linja difensjonali indubbjament tkun taqa' barra mill-parametri tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal bil-konsegwenza li b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 380, **it-Tribunal ikollu jissospendi mandatorjament il-proċediment quddiemu u jagħti lill-eċċipjent terminu qasir u perentorju biex jekk hekk jidhirlu jiddeduċi l-pretensjoni tieghu quddiem il-Qorti kompetenti.**

Minhabba f'hekk, ma jista' qatt ikun il-kaz li t-talbiet tal-atturi fil-kawza odjerna jitqiesu li jiddependu mill-eżitu tat-talba ta' flus fl-ammont bilanċjali reklamat mis-socjeta` konvenuta quddiem it-Tribunal.

Izda fuq kollox, hemm ukoll fattur iehor li jimmilita inkonfutabbilment kontra l-waqfien ta' dawn il-proceduri sakemm jigi deċiż il-proċediment quddiem it-Tribunal. **Dan qed jinghad ghaliex l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 380 jorbot lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar li jissospendi il-proċedimenti tieghu "*jekk ikun hemm pendenti quddiem qorti kompetenti azzjoni, li l-eżitu tagħha jkun jolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.*" Il-liġi speċjali ma tispeċifikax jekk għall-fini ta' din is-sospensjoni mandatorja tal-procediment quddiem it-Tribunal, jenħtieġ**

**neċessarjament li l-azzjoni quddiem il-Qorti tkun giet istitwita qabel il-procediment quddiem it-Tribunal.**

Miżmum ferm illi il-prinċipju li liġi tal-proċedura hija ta' ordni pubbliku u għalhekk jeħtieġ li r-regoli proċedurali jiġu osservati *ad unguem* u "*alla lettera e non per equipollens"*, il-Qorti tqis li r-regola postulata fl-Artikolu 7 tal-Kap. 380 ma tistax titwessgħa oltre dak li huwa stipolat espressament. **Il-Qorti tifhem illi b'dan il-provvediment il-leġislatur ried jenfasizza s-superjorita' inerenti fil-ġurisdizzjoni ċivili tal-qrati ordinarji f'kaz ta' konkorrenza ta' azzjoni quddiem il-qorti u azzjoni oħra quddiem it-Tribunal fejn l-eżitu tal-azzjoni quddiem il-Qorti tista' tolqot it-talba li t-Tribunal ikollu quddiemu.** Din il-prevalenza tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji hija manifestata fil-provvediment li jagħmilha **mandatorju** għat-Tribunal li jissospendi l-proċediment quddiemu sakemm tigi deċiża l-azzjoni quddiem il-qorti kompetenti. Il-Qorti fehmet ukoll illi din is-sospensjoni ghandha sseħħ irrispettivament minn jekk l-azzjoni quddiem il-qorti kompetenti gietx intavolata qabel jew wara t-talba quddiem it-Tribunal purche` naturalment dik l-azzjoni tkun pendenti f'xi waqt matul il-pendenza tal-proċediment quddiem l-istess Tribunal.

Għalkemm il-Qorti kif diga` ngħad, ma għandhiex quddiemha l-atti tal-proċediment quddiem it-Tribunal, tqis li fiċ-ċirkostanzi ssib applikazzjoni mandatorja ir-regola taħt l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 380 bil-konsegwenza li mhux talli din il-Qorti ma għandhiex tistenna l-ezitu tal-proceduri quddiem it-Tribunal, **talli huwa tabilħaqq il-proċediment quddiem it-Tribunal li kellu jew ghandu jitwaqqaf sakemm tigi deciza l-kawza odjerna**. Wara kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa prospettat espressament u tassattivament fil-Kap. 380, il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma tikkontemplax espressament l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni u huwa proprju ghalhekk li l-Qorti għandha s-setgħa **diskrezzjonali** tordnax jew le l-waqfien tal-proceduri f'kaz ta' azzjoni oħra li l-eżitu tagħha jista' jolqot l-eżitu tal-proċediment quddiemha.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma soda illi mill-atti li ghandha quddiemha, fin-nuqqas assolut tas-socjeta` konvenuta li tissostanzja t-talba taghha u fuq kollox, ġaladarba fiċ-ċirkostanzi huwa evidenti li huwa t-Tribunal innifsu li jrid iwaqqaf il-proċediment quddiemu minhabba l-pendenza tal-azzjoni odjerna, hija m'għandhiex, u lanqas tista', tuża s-setgħa diskrezzjonali taghha biex tordna s-sospensjoni tal-proceduri quddiemha a favur dak il-proċediment quddiem it-Tribunal.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta` konvenuta fir-Risposta taghha tas-17 ta' Marzu 2021 fejn talbet il-waqfien tal-proceduri odjerni pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Avviz Numru 330/2020) u tordna li jissokta s-smigħ ta' din il-kawza fil-mertu.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**